



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

10 ta' Lulju 2019*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-persuni – Ugwaljanza fit-trattament – Vantaġġi soċjali – Regolament (UE) Nru 492/2011 – Artikolu 7(2) – Għajjnuna finanzjarja għal edukazzjoni oġhla – Studenti mhux residenti – Kundizzjoni marbuta mat-tul tax-xogħol tal-ġenituri tagħhom fit-territorju nazzjonali – Tul minimu ta' ħames snin – Perijodu ta' riferiment ta' seba' snin – Metodu għall-kalkolu tal-perijodu ta' riferiment – Data tat-talba għall-għajjnuna finanzjarja – Diskriminazzjoni indiretta – Ġustifikazzjoni – Proporzjonalità”

Fil-Kawża C-410/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal amministratif (it-Tribunal Amministrattiv, il-Lussemburgu), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Ġunju 2018, fil-proċedura

Nicolas Aubriet

vs

Ministre de l'Enseignement supérieur et de la Recherche,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, C. Toader, A. Rosas (Relatur), L. Bay Larsen u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal N. Aubriet, minn S. Jacquet, avukat,
- għall-Gvern Lussemburgiż, minn D. Holderer, bħala aġent, assistita minn P. Kinsch, avukat,
- għall-Gvern Daniż, minn J. Nymann-Lindegren u M. Wolff, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Van Hoof u D. Martin, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tiġi deċiża mingħajr ma jsiru konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Nicolas Aubriet (iktar 'il quddiem "Aubriet l-iben") u l-Ministre de l'Enseignement supérieur et de la Recherche (il-Ministru tal-Edukazzjoni Ogħla u tar-Riċerka, il-Lussemburgu) dwar ir-rifjut tal-awtoritajiet Lussemburgiżi li jagħtuh l-għajnuna finanzjarja, għas-sena akkademika 2014/2015, sabiex ikompli l-edukazzjoni għolja tiegħu fi Strasbourg (Franza).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 jipprevedi:

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema nazzjonali minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni tal-impjeg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' paga, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjeg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħall-ħaddiema nazzjonali.

[...]"
- 4 L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 huwa fformulat bl-istess mod bħall-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15), kif emendat bid-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

Id-dritt Lussemburgiż

Il-leġiżlazzjoni ta' qabel is-sena 2014

- 5 L-għajnuna finanzjarja mill-Istat għas-segwiment tal-edukazzjoni għolja, mogħtija fil-Lussemburgu fil-forma ta' għotja u ta' self u li tista' tintalab irrispettivament mill-Istat li fih l-applikant ikun beħsiebu jwettaq l-edukazzjoni ogħla tiegħu, kienet irregolata, sal-2014, mil-Liġi tat-22 ta' Ġunju 2000 dwar l-għajnuna finanzjarja mill-Istat għall-edukazzjoni ogħla (Mémorial A 2000, p. 1106), li ġiet emendata diversi drabi.

- 6 Skont il-Liġi tat-22 ta' Ġunju 2000, kif emendata mil-Liġi tas-26 ta' Lulju 2010 (Mémorial A 2010, p. 2040), li kienet fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali li wasslet għas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* (C-20/12, EU:C:2013:411), il-benefiċċju ta' għajjnuna finanzjarja għal edukazzjoni ogħla ngħata lil kwalunkwe student li ġie ammess biex isegwi edukazzjoni ogħla li kien jew ċittadin Lussemburgiż jew membru tal-familja ta' ċittadin Lussemburgiż u kien residenti fil-Lussemburgu jew kien ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u kien residenti fil-Lussemburgu bħala persuna impjegata, bħala persuna li taħdem għal rasha, bħala persuna li għandha tali status jew bħala membru tal-familja ta' waħda mill-kategoriji ta' persuni msemmija hawn fuq, jew akkwistat id-dritt ta' residenza permanenti.
- 7 Minħabba li l-iskema tal-Lussemburgu ta' għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni ogħla, introdotta bil-liġi tat-22 ta' Ġunju 2000, kif emendata mil-Liġi tas-26 ta' Lulju 2010, instabet li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni permezz tas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* (C-20/12, EU:C:2013:411), il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajjnuna ġew emendati mil-Liġi tad-19 ta' Lulju 2013 (Mémorial A 2013, p. 3214). Il-Liġi tat-22 ta' Ġunju 2000, kif emendata mil-Liġi tad-19 ta' Lulju 2013, kienet tissuġġetta l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni ogħla kemm għal kundizzjoni ta' residenza tal-istudent fit-territorju Lussemburgiż kif ukoll, għall-istudenti li ma jkunux residenti f'dan it-territorju, għall-kundizzjoni li jkunu wlied ħaddiema li ħadmu jew eżerċitaw l-attività professjonali tagħhom fil-Lussemburgu matul perijodu kontinwu ta' mill-inqas ħames snin mill-mument tat-talba għall-għajjnuna finanzjarja.

Il-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014

- 8 Il-liġi tal-24 ta' Lulju 2014 dwar l-għajjnuna finanzjarja mill-Istat għall-edukazzjoni ogħla (Mémorial A 2014, p. 2188) (minn hawn 'il quddiem "il-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014") ħassret il-liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000.
- 9 L-Artikolu 3 tal-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014 dwar l-għajjnuna finanzjarja mill-Istat għall-edukazzjoni ogħla jipprevedi:

"Jistgħu jibbenefikaw mill-għajjnuna finanzjarja mill-Istat għal edukazzjoni ogħla, l-istudenti ddefiniti fl-Artikolu 2, deskritti iktar 'il quddiem bit-terminu "l-istudent", u li jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

- (1) ikun ċittadin Lussemburgiż jew membru tal-familja ta' ċittadin Lussemburgiż u jkollu d-domiċilju tiegħu fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, jew
- (2) ikun ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed mill-Istati l-oħra li huma partijiet fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Konfederazzjoni Svizzera u jkun residenti, skont il-Kapitolu 2 tal-Liġi emendata tad-29 ta' Awwissu 2008 dwar il-moviment liberu tal-persuni u l-immigrazzjoni, fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu bħala ħaddiem impjegat, bħala ħaddiem li jaħdem għal rasu, bħala persuna li żżomm dan l-istatus jew bħala membru tal-familja ta' waħda mill-kategoriji ta' persuni hawn fuq, jew li jkunu kisbu d-dritt ta' residenza permanenti, jew

[...]

- (5) għall-istudenti mhux residenti fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu:
 - a) ikun ħaddiem ċittadin Lussemburgiż jew ċittadin tal-Unjoni Ewropea [...] impjegat jew li jeżerċita l-attività tiegħu fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu fil-mument li ssir it-talba tiegħu għall-għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni ogħla; jew

- b) ikun wild ta' ħaddiem ċittadin Lussemburgiż jew ċittadin tal-Unjoni Ewropea [...] impjegat jew li jeżerċita l-attività tiegħu fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu fil-mument li ssir it-talba mill-istudent għall-għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla bil-kundizzjoni li dan il-ħaddiem jibqa' jikkontribwixxi għall-manteniment tal-istudent u li dan il-ħaddiem ikun ġie impjegat jew ikun eżerċita l-attività tiegħu fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu matul perijodu ta' mill-inqas ħames snin fil-mument li ssir it-talba għall-għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla mill-istudent matul perijodu ta' riferiment ta' seba' snin li jibdedew jgħoddu retroattivament mid-data tat-talba għall-kisba tal-għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla jew li, b'deroga, il-persuna li żżomm l-istatus ta' ħaddiem tkun ikkorrispondiet mal-kriterju ta' ħames snin fuq sebgħa stabbilit bil-quddiem fil-mument tal-waqfien tal-attività.

[...]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

- 10 Aubriet l-iben, ċittadin Franċiż imwieled matul is-sena 1995, jirrisjedi fi Franza ma' missieru, Bruno Aubriet (iktar 'il quddiem "Aubriet il-missier").
- 11 Fil-bidu tas-sena universitarja 2014/2015, Aubriet l-iben irreġistra għal taħriġ għal-liċenzja ta' tekniku oġhla (BTS) fi skola għolja fi Strasbourg.
- 12 Fid-29 ta' Settembru 2014, Aubriet l-iben talab lid-dipartiment ta' għajjnuna finanzjarja tal-Ministeru Lussemburgiż tal-Edukazzjoni Oġhla u tar-Riċerka biex, fis-sena akkademika 2014/2015, jagħtih għajjnuna finanzjarja mill-Istat għall-edukazzjoni oġhla, kif previst mil-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014.
- 13 Aubriet l-iben ressaq din it-talba fil-kapaċità tiegħu bħala wild ta' persuna impjegata fit-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.
- 14 Fil-fatt, Aubriet il-missier, residenti Franċiż, huwa ħaddiem transkonfinali li eżerċita l-attività bħala impjegat fil-Lussemburgu b'perijodi ta' interruzzjoni itwal jew inqas twal mill-1 ta' Ottubru 1991. Huwa għalhekk eżerċita attività professjonali bħala persuna impjegata fil-Lussemburgu għal għaxar snin bejn l-1 ta' Ottubru 1991 u t-30 ta' Settembru 2001. Wara li kien qiegħed sal-5 ta' Frar 2002, Aubriet il-missier reġa' kellu kariga fit-territorju Lussemburgiż għal perijodu ta' sitt snin, jiġifieri mis-6 ta' Frar 2002 sal-14 ta' Jannar 2008. Bejn il-15 ta' Jannar 2008 u s-16 ta' Diċembru 2012, huwa eżerċita attività professjonali fi Franza. Wara li reġa' beda attività professjonali fil-Lussemburgu bejn is-17 ta' Diċembru 2012 u t-30 ta' Settembru 2014, huwa reġa' spiċċa qiegħed, wara sensja għal kawża ekonomika.
- 15 Fil-5 ta' Novembru 2014, l-awtoritajiet Lussemburgiżi rrifjutaw it-talba ta' Aubriet l-iben intiża li jikseb għajjnuna finanzjarja biex isegwi l-edukazzjoni oġhla tiegħu fi Strasbourg, fuq il-bażi tal-Artikolu 3(5)(b) tal-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014, minħabba li Aubriet il-missier ma kienx eżerċita attività professjonali fil-Lussemburgu għal mill-inqas ħames snin fuq perijodu ta' riferiment ta' seba' snin, ikkalkolat b'mod retroattiv mid-29 ta' Settembru 2014, id-data tat-tressiq tat-talba għall-għajjnuna finanzjarja.
- 16 Fis-6 ta' Mejju 2015, Aubriet l-iben ippreżenta rikors kontra dan ir-rifjut quddiem it-Tribunal amministratif (it-Tribunal Amministrattiv, il-Lussemburgu). Dan ir-rikors ġie sospiż wara li intervjena rinviu għal deċiżjoni preliminari fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et* (C-238/15, EU:C:2016:949).
- 17 Fl-1 ta' Lulju 2016, Aubriet l-iben ġie impjegat minn persuna li tħaddem fil-Lussemburgu li magħha wettaq il-perijodi ta' prova professjonali tiegħu matul l-istudji tiegħu. Huwa jkompli jgħix fi Franza.

18 Min-naħa tiegħu, Aubriet il-missier reġa' lura għax-xogħol fil-Lussemburgu. Huwa ġie affiljat maċ-Ċentru komuni tas-Sigurtà Soċjali Lussemburgiż mill-14 ta' Settembru 2017 sad-29 ta' Settembru 2017 u mis-16 ta' Ottubru 2017 sal-15 ta' Ottubru 2018.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi t-Tribunal amministratif (it-Tribunal Amministrattiv) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domanda li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

“Il-kundizzjoni imposta fuq l-istudenti li ma jirrisjedux fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu mill-Artikolu 3(5)(b) tal-Liġi emendata tal-24 ta' Lulju 2014 dwar l-għajjnuna finanzjarja mill-Istat għall-edukazzjoni oġhla, bl-esklużjoni ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kriterju ta' rabta, jiġifieri li wieħed ikun wild ta' ħaddiema li kienu impjegati jew li eżerċitaw l-attività tagħhom fil-Lussemburgu għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin matul perijodu ta' riferiment ta' seba' snin fil-mument tat-talba għall-għajjnuna finanzjarja, hija neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq mil-leġiżlatur Lussemburgiż, jiġifieri li dan l-Istat ifittex li jinkoraġġixxi ż-żieda fil-proporzjon tal-persuni li għandhom diploma ta' edukazzjoni oġhla?”

Fuq id-domanda preliminari

20 Bħala punt preliminari, għandu jiġi osservat li, anke jekk, fuq livell formali, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti nazzjonali ma titlobx lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni, iżda titlobha biss biex tiegħu pożizzjoni dwar jekk kundizzjoni imposta mil-liġi nazzjonali għall-istudenti mhux residenti fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu hijiex “neċessarja” sabiex jibbenefikaw mill-għajjnuna finanzjarja tal-Istat għall-edukazzjoni oġhla, li hija kundizzjoni għall-kisba ta' għan intiż minn dik il-liġi, liema fatt jirreferi għall-prinċipju ta' proporzjonalità tad-dritt tal-Unjoni, tali fatt ma jostakolax lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdiha bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu rilevanti għas-sentenza tal-kawża quddiemha, kemm jekk dik il-qorti tkun għamlet riferiment għal dan fil-formulazzjoni tad-domandi tagħha kif ukoll jekk le.

21 Fil-fatt, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tisset, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti tal-imsemmi dritt li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali (sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, EN.SA., C-712/17, EU:C:2019:374, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'dan ir-rigward, huwa ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju li d-domanda preliminari tibni fuq is-sentenzi preċedenti tal-20 ta' Ġunju 2013, *Giersch et* (C-20/12, EU:C:2013:411), kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, *Bragança Linares Verruga et* (C-238/15, EU:C:2016:949), mogħtija fuq talbiet għal deċiżjoni preliminari li ġejjin mill-istess qorti nazzjonali. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ssemmi b'mod espliċitu mhux fil-formulazzjoni tad-domanda preliminari, iżda fl-istess test tad-deċiżjoni tar-rinviju, ir-regoli dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-membri tal-familja tagħhom fi ħdan l-Unjoni, f'dan il-każ l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, moqri flimkien mal-Artikolu 45 TFUE. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tesponi b'mod xieraq ir-raġunijiet li wassluha sabiex issaqsi dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

23 Huwa għalhekk meħtieġ li wieħed jifhem id-domanda magħmula bħala li tfitx, essenzjalment, li wieħed isir jaf jekk l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jagħmel l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla lill-istudenti mhux residenti suġġett għall-kundizzjoni li, fid-data tat-talba għal għajjnuna finanzjarja, wieħed mill-ġenituri tal-istudent kien impjegat jew kien jeżerċita attività f'dak l-Istat Membru għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin fuq perijodu ta' riferiment ta'

seba' snin li jkun ikkalkolat b'mod retroattiv mid-data ta' dik it-talba għall-għajnuna finanzjarja, filwaqt li tiġi eskluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kriterju ieħor ta' rabta, waqt li tali kundizzjoni ma tkunx iktar prevista fir-rigward ta' studenti li jirrisjedu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

- 24 Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru għandu jgawdi, fit-territorju ta' Stati Membri oħra, l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru. Din id-dispożizzjoni tibbenefika mingħajr distinzjoni kemm lill-ħaddiema migranti residenti fi Stat Membru ospitanti, kif ukoll lill-ħaddiema transkonfinali li, filwaqt li jeżerċitaw l-impjieg bi ħlas tagħhom fl-Istat Membru tal-aħħar, huma residenti fi Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Novembru 1997, Meints, C-57/96, EU:C:1997:564, punt 50; tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 37; kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 39).
- 25 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-għajnuna mogħtija għal manteniment u taħriġ, bil-għan li jitkomplew l-istudji universitarji attestati minn kwalifika professjonali, tikkostitwixxi vantaġġ soċjali għall-ħaddiem migrant, skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, li l-wild ta' ħaddiem migrant jista' huwa stess jagħmel użu minnu jekk, skont il-liġi nazzjonali, din l-għajnuna tingħata direttament lill-istudent (sentenzi tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punti 38 u 40, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 40).
- 26 Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit kemm fl-Artikolu 45 TFUE kif ukoll fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 jipprojbixxi mhux biss id-diskriminazzjoni diretta, ibbażata fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll il-forom kollha ta' diskriminazzjoni indiretta li, bl-applikazzjoni ta' kriterji oħra ta' distinzjoni, iwasslu fil-fatt għall-istess riżultat (ara s-sentenzi tat-13 ta' April 2010, Bressol *et*, C-73/08, EU:C:2010:181, punt 40, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 41).
- 27 Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissuġġetta l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla kemm għal kundizzjoni ta' residenza tal-istudent fit-territorju Lussemburgiż kif ukoll, għall-istudenti mhux residenti f'dan it-territorju, għall-kundizzjoni li wlied ħaddiema li ħadmu jew eżerċitaw l-attività professjonali tagħhom fil-Lussemburgu matul perijodu ta' mill-inqas ħames snin fuq perijodu ta' riferiment ta' seba' snin qabel il-mument tat-talba għall-għajnuna finanzjarja. Anki jekk hija tapplika bla distinzjoni għal ċittadini Lussemburgiżi u għal ċittadini ta' Stati Membri oħra, kundizzjoni bħal din ta' perijodu ta' xogħol minimu ma hijiex prevista għall-istudenti li huma residenti fit-territorju Lussemburgiż.
- 28 Tali distinzjoni bbażata fuq ir-residenza, li tista' tkun ta' ħsara għal ċittadini ta' Stati Membri oħra, sa fejn il-persuni mhux residenti huma normalment persuni li ma humiex ċittadini (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi, C-542/09, EU:C:2012:346, punt 38, kif ukoll tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 44, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 43), tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità li tista' tkun aċċettata biss bil-kundizzjoni li tkun oġġettivament iġġustifikata.
- 29 Sabiex tkun iġġustifikata, hija għandha tkun xierqa sabiex tiggarrantixxi l-kisba ta' għan leġittimu, u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb dan il-għan.
- 30 F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi rrilevat li, kif indika l-Gvern Lussemburgiż, il-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014, flimkien mal-Liġi tat-22 ta' Ġunju 2000 kif emendata mil-Liġi tas-26 ta' Lulju 2010, għandha l-għan li żżid b'mod sinjifikattiv il-proporzjon ta' residenti li għandhom kwalifika ta' edukazzjoni oġhla fil-Lussemburgu.

- 31 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà sostniet li l-għan li tiġi promossa l-edukazzjoni ogħla huwa għan ta' interess ġenerali rikonnoxxut fil-livell tal-Unjoni u li azzjoni meħuda minn Stat Membru sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' taħriġ tal-popolazzjoni residenti tiegħu jkollha għan leġittimu li jista' jiġġustifika diskriminazzjoni indiretta abbażi ta' nazjonalità (sentenzi tal-20 ta' Ġunju 2013, *Giersch et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punti 53 u 56, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, *Bragança Linares Verruga et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 46).
- 32 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni jekk kundizzjoni ta' tul ta' xogħol minimu ta' ħames snin fit-data tat-talba għall-borża ta' studju bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex xierqa biex jintlaħaq dan l-għan, għandu jifakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward ta' ħaddiema migranti u transkonfinali, il-fatt li għandhom aċċess għas-suq tax-xogħol ta' Stat Membru, bħala prinċipju, johlq rabta ta' integrazzjoni suffiċjenti fis-soċjetà ta' dan l-Istat li tippermettilhom li hemmhekk jibbenefikaw mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta mqabbla mal-ħaddiema nazjonali fir-rigward ta' vantaġġi soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi*, C-542/09, EU:C:2012:346, punt 65, kif ukoll tal-20 ta' Ġunju 2013, *Giersch et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 63).
- 33 Ir-rabta tal-integrazzjoni tirriżulta b'mod partikolari mill-fatt li l-ħaddiema migranti jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-politika soċjali tal-Istat Membru ospitanti bil-kontribuzzjonijiet fiskali u soċjali li huma jħallsu f'dak l-Istat, bis-saħħa tal-attività ta' impjeg li jeżerċitaw. Għalhekk, huma għandhom jibbenefikaw taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-ħaddiema nazjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi*, C-542/09, EU:C:2012:346, punt 66, kif ukoll tal-20 ta' Ġunju 2013, *Giersch et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 63).
- 34 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li leġiżlazzjoni nazjonali indirettament diskriminatorja u li tirrestrinġi l-għoti ta' vantaġġi soċjali lill-ħaddiema transkonfinali fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, fl-assenza ta' rabta suffiċjenti mas-soċjetà li fiha jeżerċitaw attività mingħajr ma jirrisjedu hemmhekk, tista' tkun oġġettivament iġġustifikata (ara s-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, *Geven*, C-213/05, EU:C:2007:438, punt 26, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, *Bragança Linares Verruga et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 51).
- 35 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-għoti ta' għajjnuna finanzjarja mill-Istat għal edukazzjoni ogħla lit-tfal mhux residenti ta' ħaddiema migranti u transkonfinali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-okkupazzjoni ta' impjeg mill-ġenituri tal-istudent ikkonċernat, għal tul sinjifikattiv fl-Istat Membru li jagħti l-għajjnuna mitluba, setgħet tkun xierqa biex turi l-grad attwali ta' rabta mas-soċjetà jew mas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat (sentenzi tal-20 ta' Ġunju 2013, *Giersch et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 78, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, *Bragança Linares Verruga et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 55).
- 36 Fil-punt 58 tas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2016, *Bragança Linares Verruga et* (C-238/15, EU:C:2016:949), il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat f'dan il-kuntest li r-rekwiżit li, sabiex it-tfal ta' ħaddiem transkonfinali jkunu intitolati għall-għajjnuna finanzjarja mill-Istat għall-edukazzjoni ogħla, il-ġenitur, ħaddiem transkonfinali, għandu jkun ħa-dem għal mill-inqas ħames snin fl-Istat Membru li jipprovdi l-għajjnuna, ikun tali li jistabbilixxi tali rabta mas-soċjetà ta' dak l-Istat kif ukoll probabbiltà raġonevoli li l-istudent jirritorna lejn l-Istat Membru li jipprovdi l-għajjnuna, wara li dan tal-aħħar ikun lesta l-istudju tiegħu.
- 37 Jekk kundizzjoni dwar it-tul minimu ta' xogħol fid-data tat-talba għal għajjnuna finanzjarja, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun kapaċi tilħaq l-għan li tippromwovi edukazzjoni ogħla u żżid, b'mod sinjifikattiv, il-proporzjon tad-detenturi ta' kwalifika ta' edukazzjoni ogħla residenti fil-Lussemburgu, huwa meħtieġ, fit-tielet lok, li ssir riċerka jekk l-introduzzjoni ta' perijodu ta' riferiment ta' seba' snin qabel it-talba għal għajjnuna finanzjarja biex jiġi kkalkolat it-tul minimu ta' ħames snin fl-Artikolu 3(5)(b) tal-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014, tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan segwit.

- 38 F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed jiftakar li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2016, *Bragança Linares Verruga et* (C-238/15, EU:C:2016:949), il-leġislazzjoni eżaminata ssuġġettat l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja lil studenti mhux residenti għall-kundizzjoni li ġenitur ikun ħadem kontinwament fil-Lussemburgu għal tul minimu ta' ħames snin fid-data tat-talba għal għajjnuna finanzjarja.
- 39 Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li tali leġislazzjoni kien fiha restrizzjoni li marret lil hinn minn dak li kien meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li jżied l-għadd ta' gradwati tal-edukazzjoni oġhla fi ħdan il-popolazzjoni residenti, sakemm ma tippermettix lill-awtoritajiet kompetenti jagħtu tali għajjnuna fejn il-ġenituri kienu, minkejja ftit interruzzjonijiet qosra, ħadmu fil-Lussemburgu għal perijodu sinjifikattiv, f'dan il-każ jiġifieri kważi tmien snin, fil-perijodu ta' qabel it-talba għall-għajjnuna finanzjarja, peress li tali interruzzjonijiet ma kinux tali li jkissru r-rabta bejn min jagħmel it-talba għal għajjnuna finanzjarja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu (sentenza tal-14 ta' Diċembru 2016, *Bragança Linares Verruga et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 69).
- 40 F'din il-kawża, il-Gvern Lussemburġiż jargumenta li l-introduzzjoni fl-Artikolu 3(5)(b) tal-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014 ta' perijodu ta' riferiment ta' seba' snin biex jiġi kkalkolat it-tul minimu ta' xogħol ta' ħames snin tippermetti, preċiżament, li jiġu kkunsidrati l-interruzzjonijiet qosra tax-xogħol ta' ġenituri transkonfinali, peress li jkopri sitwazzjonijiet fejn il-ġenitur transkonfinali ma eżerċitax attività fil-Lussemburgu għal sentejn fuq perijodu totali ta' seba' snin. Min-naħa l-oħra, il-leġislatur nazzjonali jkun intitolat li jikkunsidra li, għall-kuntrarju ta' interruzzjonijiet qosra, interruzzjonijiet itwal jkissru r-rabta bejn il-ħaddiema transkonfinali u t-ftal tagħhom studenti mal-Lussemburgu u jneħħu l-interess ta' dak l-Istat Membru biex jipprovdri għajjnuna lil dawn l-istudenti. B'mod partikolari, interruzzjoni ta' xogħol ta' kważi ħames snin, bħal dik ta' Aubriet il-missier, tista' b'mod leġittimu titqies li għandha tali effett.
- 41 Barra minn hekk, il-Gvern Lussemburġiż jikkunsidra li, sabiex ikun possibbli li t-talbiet għal għajjnuna finanzjarja jiġu pproċessati minn amministrazzjoni responsabbli għal proċedura ta' massa standardizzata, huwa meħtieġ li jinżamm kriterju oġġettiv u newtrali bħal tul tax-xogħol minimu matul perijodu ta' riferiment partikolari, eskluża l-inklużjoni ta' kwalunkwe fattur ta' rabta ieħor li jista' jipprova li l-ħaddiem transkonfinali għandu rabta suffiċjenti mas-soċjetà Lussemburġiża.
- 42 Tali possibbiltà tkun t'fisser, fil-fatt, li l-amministrazzjoni responsabbli għall-ipproċessar ta' talbiet għal għajjnuna finanzjarja tiegħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ u l-evalwazzjoni każ b'każ ta' jekk kienx hemm element suġġettiv, jiġifieri "rabtiet suffiċjenti mas-soċjetà Lussemburġiża" ta' ħaddiema transkonfinali impjegati fil-Lussemburgu għal inqas minn ħames snin matul perijodu ta' riferiment ta' seba' snin. Madankollu, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-prinċipju ta' proporzjonalità ma jstgħux jiġu interpretati bħala li jimponu tali evalwazzjoni każ b'każ minn amministrazzjoni pubblika responsabbli għal proċedura ta' massa standardizzata.
- 43 Madankollu, huwa importanti li wieħed jirrive li, fil-kawża prinċipali, il-benefiċċju tal-għajjnuna finanzjarja tal-Istat għal edukazzjoni oġhla ġie rrifjutat lil Aubriet l-iben, minkejja l-fatt li missieru kien, fis-snin ta' qabel it-talba ta' ibnu għall-għajjnuna finanzjarja, żamm b'mod durabbli kariga ta' impjegat fil-Lussemburgu għal tul sinjifikattiv, ferm iktar mit-tul minimu ta' ħames snin. Fil-fatt, Aubriet il-missier kien kontribwent fil-Lussemburgu u kkontribwixxa għas-sistema tas-sigurtà soċjali ta' dak l-Istat għal iktar minn 17-il sena fit-23 sena li ġew qabel it-talba ta' ibnu għal għajjnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla, jiġifieri mill-1991 sal-2014.
- 44 Min-naħa l-oħra, Aubriet il-missier ma ssodisfax il-kundizzjoni tat-tul tax-xogħol minimi matul il-perijodu ta' riferiment previst mil-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014, minħabba li kellu jinterrompi l-attività tiegħu fil-Lussemburgu matul il-perijodu bejn l-15 ta' Jannar 2008 u s-16 ta' Diċembru 2012 sabiex isib xogħol fl-Istat ta' residenza tiegħu.

- 45 Kif jirriżulta mis-sitwazzjoni ta' Aubriet il-missier, il-kunsiderazzjoni tal-unika attività mwettqa mill-ħaddiem transkonfinali fil-Lussemburgu matul perijodu ta' riferiment ta' seba' snin qabel it-talba għall-għajnuna finanzjarja ma hijiex biżżejjed biex tevalwa bis-sħiħ il-miżura tar-rabtiet ta' dak il-ħaddiem transkonfinali mas-suq tax-xogħol Lussemburgiż, b'mod partikolari fejn diġà kien impjegat għal tul sinjifikattiv qabel il-perijodu ta' riferiment.
- 46 Konsegwentement, regola bħal dik prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħmel l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla lill-istudenti mhux residenti b'kundizzjoni li jkollhom ġenitur li ħadem fil-Lussemburgu għal tul minimu ta' ħames snin f'perijodu ta' riferiment ta' seba' snin qabel it-talba għall-għajnuna finanzjarja, fiha restrizzjoni li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan leġittimu li jżidded l-għadd ta' gradwati ta' edukazzjoni oġhla fi ħdan il-popolazzjoni residenti.
- 47 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħmel l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla lill-istudenti mhux residenti, bil-kundizzjoni li, fid-data tat-talba għall-għajnuna finanzjarja, wieħed mill-ġenituri tal-istudent ikun ġie impjegat jew ikun eżerċita attività f'dak l-Istat Membru għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin fuq perijodu ta' riferiment ta' seba' snin ikkalkolat b'mod retroattiv mid-data tal-imsemmija talba għall-għajnuna finanzjarja, sa fejn ma tippermettix fehim wiesa' biżżejjed tal-eżistenza ta' rabta suffiċjenti mas-suq tax-xogħol ta' dan l-Istat Membru.

Fuq l-ispejjeż

- 48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħmel l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għall-edukazzjoni oġhla lill-istudenti mhux residenti, bil-kundizzjoni li, fid-data tat-talba għall-għajnuna finanzjarja, wieħed mill-ġenituri tal-istudent ikun ġie impjegat jew ikun eżerċita attività f'dak l-Istat Membru għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin fuq perijodu ta' riferiment ta' seba' snin ikkalkolat b'mod retroattiv mid-data tal-imsemmija talba għall-għajnuna finanzjarja, sa fejn ma tippermettix fehim wiesa' biżżejjed tal-eżistenza ta' rabta suffiċjenti mas-suq tax-xogħol ta' dan l-Istat Membru.

Firem